TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 28/11

**Rose Ann Portelli**
**vs**
**Marphil Gauci**

Illum 6 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitt ewro (€100), rappreżentanti *membrane* li sar fuq is-saqaf tal-kamra tal-bejt u kellu *lifetime guarantee* u fi żmien sentejn beda dieħel l-ilma.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat irrifjuta n-notifika tal-kawża u wara li sema' lill-pustier jixhed, l-istess Tribunal jiddeċiedi li din hija notifika valida għall-fini tal-kawża.

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet qabdet lill-intimat sabiex jagħmel xogħol ta' *membrane* fuq is-saqaf tal-kamra tal-bejt u li kellu *lifetime guarantee*, pero' f'inqas minn sentejn beda jidħol l-ilma u b'hekk il-*membrane* qisu sar għalxejn, u għalhekk ir-rikorrenti qed titlob danni ta' mitt ewro (€100).

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

Għaldaqstant, l-intimat huwa notifikat u t-Tribunal ħa d-deċiżjoni li r-rifjut hija notifika.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' mitt ewro (€100), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE. (+356) 21227070 FAX (+356) 21239888